

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/853**tat-12 ta' Mejju 2016**

dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u t-Turkmenistan, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka mal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 91, 100(2), 207 u 209, flimkien mal-Artikolu 218(5), tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni tal-2003 tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tal-2005 tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tal-2011 tar-Repubblika tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 6(2) tal-Atti ta' Adeżjonital-2003, l-2005 u l-2011, l-adeżjoni ma' ftehim iffirmat jew konkluż mill-Istati Membri u l-Unjoni ma' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali għandha tiġi miftiehma permezz ta' protokoll għal dak il-ftehim. Skont dak l-Artikolu, għal tali adeżjoni għandha tapplika proċedura simplifikata, li tippredvi li għandu jiġi konkluż protokoll mill-Kunsill, li jaġixxi unanimament fisem l-Istati Membri, u mill-pajjiż terz ikkonċernat.
- (2) Fit-8 ta' Diċembru 2003, il-Kunsill awtorizza l-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati, fisem il-Komunitajiet u l-Istati Membri tagħhom, mat-Turkmenistan bil-ħsieb li jiġi konkluż Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u t-Turkmenistan, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim"), biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka mal-Unjoni.
- (3) Fit-23 ta' Ottubru 2006, il-Kunsill awtorizza l-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati, fisem il-Komunitajiet u l-Istati Membri tagħhom, mat-Turkmenistan bil-ħsieb li jiġi konkluż Protokoll għall-Ftehim, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-Unjoni.
- (4) Fl-14 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati għall-adattament tal-ftehimiet iffirmati jew konklużi bejn l-Unjoni, jew l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni.
- (5) In-negozjati ġew konklużi b'suċċess mat-Turkmenistan permezz tal-inizjalar ta' Protokoll għall-Ftehim biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka mal-Unjoni ("il-Protokoll").

(6) Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat, fisem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-konklużjoni fisem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll mal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u t-Turkmenistan, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka mal-Unjoni Ewropea hija b'dan awtorizzata, soġġetta għall-konklużjoni ta' dak il-Protokoll ⁽¹⁾.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar lill-persuna(i) li jkollhom is-setgħa jiffirmaw il-Protokoll fisem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Mejju 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

F. MOGHERINI

⁽¹⁾ It-test tal-Protokoll ser jiġi ppubblikat flimkien mad-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.